MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2008

Avviz Numru. 240/2008

**Wands Limited (C476)**

**Vs**

**PBA Ltd (C38972), Joseph John Azzopardi, Etienne Bartolo u Muhaiyo Bartolo**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tmient elef, sitt mija u zewg Euro u disgha u tmenin centezmu (€8602.89) dovuta mill-konvenuti, jew somma ohra verjuri li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tillikwida, okkorrendo bl-opra ta' Perit nominandi, rapprezentanti, valur ta' prodotti mibjugha u debitament ikkonsenjati mis-socjeta' rikorrenti (Dok A), kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Minghajr pregudizzju ghas-suespost Muhaiyo Bartolo kien dahal bhala garanti personali ghal kull debitu (Dok B). Illi minkejja li l-intimati diversi drabi sabiex

jaffettwaw il-hlas relattiv, anke permezz ta’ Ittra Ufficjali tat-18 ta’ Ottubru 2007 ipprezenta a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap12 huma baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez inklusi dawk ta’ l-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija u bl-imghax legali dekorribli mid-data ta’ kull fattura sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti markati Dok A u Dok B a fol 2 u fol 3 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fis-17 ta' Novembru 2008 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta' €8602.89 bl-imghax legali ‘a scaletta’ mid-data ta’ kull fattura risultanti mill-anness ‘Dok A’ a fol 2 tal-atti gja imsemmi, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta’ Ottubru 2007.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------